



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Settembru 2018
(OR. fr)

11092/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0120 (NLE)

MAMA 120
MED 39
CFSP/PESC 701
TU 8

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija għall-perijodu 2018-2020
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju
li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea
u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa
l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija
għall-perijodu 2018-2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra¹, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim Ewro-Mediterranju”) ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.
- (2) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, li jieħu d-deċiżjonijiet xierqa, għall-finijiet li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 90 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika neċessarji biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim Ewro-Mediterranju u għandhom jaraw li jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim.
- (4) Il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Novembru 2015 dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat intlaqgħet tajjeb fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2015. Il-Kunsill ikkonferma b'mod partikolari l-intenzjoni tiegħu li jibda fażi ġdida ta' involviment mal-imsejbin tiegħu fl-2016 li tista' twassal biex jiġu stabbiliti prijoritajiet ġodda ta' sħubija, fejn xieraq, iffokati fuq prijoritajiet u interessi miftiehma.

¹ ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

- (5) Il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Settembru 2016 dwar it-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE għat-Tuneżija intlaqgħet tajjeb fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2016. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu biex jappoġġa t-tranżizzjoni tat-Tuneżija u jenfasizza n-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija u l-interess strateġiku tal-UE li tappoġġa l-iżvilupp ta' Tuneżija demokratika, b'saħħitha, u stabbli fil-viċinat tagħha, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi appoġġat progress politiku ma' progress ekonomiku ta' portata simili. Għal dan il-għan, huwa jappella għall-mobilizzazzjoni tal-istrumenti kollha disponibbli għall-UE u li jissaħħaħ l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Tuneżini.
- (6) L-Unjoni u r-Repubblika tat-Tuneżija jenħtieġ li jaħdmu flimkien sabiex jiksbu l-għanijiet komuni tagħhom kif imfisser skont il-prijoritajiet strateġiċi. L-iżvilupp ta' Tuneżija demokratika prospera u stabbli huwa ta' interess strateġiku reċiproku.
- (7) Filwaqt li jindirizzaw l-isfidi l-aktar urġenti, l-Unjoni u r-Repubblika tat-Tuneżija jenħtieġ li jkomplu jfittxu li jiksbu l-għanijiet ewlenin tas-sħubija tagħhom fuq terminu twil, u jaħdmu b'mod partikolari għall-ħolqien ta' perspettivi għaż-żgħażagħ, billi jitħaffu r-riformi soċjoekonomiċi u jitkompla u jissaħħaħ il-proċess ta' tranżizzjoni lejn id-demokrazija.
- (8) Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija għall-perijodu 2018-2020 tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija għall-perijodu 2018-2020 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI Nru 1/2018

TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TUNEŻIJA

ta' ...

**li tadotta l-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija
għall-perijodu 2018-2020**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TUNEŻIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra¹,

¹ ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim Ewro-Mediterranju”) ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.
- (2) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet xierqa, għall-finijiet li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 90 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika neċessarja biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jaraw li jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim.
- (4) Fil-kuntest tar-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-2016, ġiet proposta fażi ġdida ta' djalogu mas-sħab, li tikkontribwixxi għal sens aktar qawwi ta' sjieda miż-żewġ naħat.
- (5) L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija ddeċidew li jikkonsolidaw is-sħubija privileġġata tagħhom bl-approvazzjoni ta' sett ta' prijoritajiet strateġiċi għall-perijodu 2018-2020 bil-ħsieb li jappoġġaw u jirrinforzaw ir-reżiljenza u l-istabbiltà tat-Tuneżija.
- (6) Il-Partijiet għall-Ftehim Ewro-Mediterranju jenħtieġ li jaqblu dwar it-test tal-prijoritajiet strateġiċi, li jirrappreżentaw is-sħubija privileġġata UE-Tuneżija b'mod konkret għall-perijodu 2018-2020. Dawn il-prijoritajiet jenħtieġ li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, filwaqt li jagħmlu enfasi fuq il-kooperazzjoni dwar interessi kondiviżi, definiti b'mod komuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jadotta l-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija għall-perijodu 2018-2020 kif inhuma ppreżentati fid-dokument imsejjaħ "It-tisħiħ tas-sħubija privileġġjata UE-Tuneżija: priyoritajiet strateġiċi għall-perijodu 2018-2020" li jinsab fl-anness u jirrakkomanda li l-Partijiet jimplimentawhom.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
UE-Tuneżija
Il-President*

ANNESS

It-tishih tas-shubija privileġġjata UE-Tuneżija:
prijoritajiet strateġiċi għall-perijodu 2018-2020

1. Introduzzjoni

It-Tuneżija ħadet deċiżjoni strateġika li tankra ruħha maż-żona Ewropea, u l-iżvilupp ta' demokrazija Tuneżina prospera u stabbli fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea huwa ta' interess strateġiku reċiproku.

Is-sħubija privileġġjata UE-Tuneżija hija xhieda tar-relazzjonijiet bilaterali speċjali u dinamiċi li ġew stabbiliti, u l-ambizzjoni komuni li jsir progress f'rabtiet dejjem aktar mill-qrib bejn it-Tuneżija u ż-żona Ewropea. L-għan fit-tul huwa li jiġi żviluppat qafas ambizzjuż għal relazzjonijiet futuri wara l-2020, filwaqt li jitkompla l-progress li nkiseb u jsir użu sħiħ mill-opportunitajiet għal rabtiet eqreb ipprovduti skont il-politika Ewropea tal-Viċinat fil-perijodu mill-2018 sal-2020.

Fil-kuntest tas-sħubija privileġġjata, it-Tuneżija hija impenjata bis-sħiħ sabiex timplimenta r-riformi meħtieġa għal żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli tal-pajjiż u biex jiġi żgurat progress fuq terminu twil fit-tranżizzjoni demokratika. Filwaqt li tirrealizza l-portata tal-isfida u d-diffikultajiet li għaddejjha minnhom it-Tuneżija, l-Unjoni Ewropea ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi malajr kemm jista' jkun.

Il-prijoritajiet strateġiċi żviluppati f'dan id-dokument jwasslu għas-sħubija privileġġjata f'termini prattiċi għall-perijodu 2018-2020. Il-ħolqien ta' perspettivi futuri għaż-żgħażagħ se jkun fil-qofol tal-azzjonijiet taż-żewġ naħat. L-enfażi se jkun fuq it-tħaffif tar-riformi soċjo-ekonomiċi, inkluż it-titjib tal-ambjent tan-negozju, u l-konklużjoni ta' ftehim ta' kummerċ ħieles approfondit u komprensiv (DCFTA - deep and comprehensive free trade agreement). Il-konsolidazzjoni demokratika, b'mod partikolari l-implimentazzjoni effettiva tal-Kostituzzjoni tal-2014 u l-governanza tajba se jibqgħu essenzjali wkoll. Iż-żewġ naħat se jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u fil-qasam tal-migrazzjoni u l-mobilità bit-tlestija tan-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u dwar ir-riammissjoni, u l-parteċipazzjoni dejjem aktar attiva tat-Tuneżija fil-programmi tal-UE. It-tisħiħ tad-djalogu politiku ta' livell għoli u d-djalogu mas-soċjetà ċivili u kif ukoll il-viżibbiltà tas-sħubija se jimxu id f'id ma' dawn l-isforzi.

Dawn il-prijoritajiet huma msejsa fuq il-pjan ta' Żvilupp Tuneżin ta' Ħames Snin 2016-2020¹ u l-Komunikazzjoni Konġunta "Tisħiħ tal-Appoġġ tal-UE għat-Tuneżija"².

¹ Dan il-pjan jirrakkomanda mudell ġdid ta' żvilupp għal tkabbir sostenibbli u inklużiv u huwa strutturat madwar ħames priyoritajiet: i) il-governanza tajba, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ii) it-tranżizzjoni minn ekonomija bi spejjeż baxxi għal ċentru ekonomiku, iii) l-iżvilupp uman u l-inklużjoni soċjali, iv) ir-realizzazzjoni tal-ambizzjonijiet reġjonali, u v) l-ekonomija ekoloġika, li hija pilastru għall-iżvilupp sostenibbli.

² Din il-Komunikazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (JOIN (2016) 47 final tad-29 ta' Settembru 2016) hija artikulata madwar ħames assi: i) il-promozzjoni ta' governanza tajba u riforma tal-amministrazzjoni pubblika; ii) it-tisħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili; iii) l-investiment fil-ġejjieni: il-ħolqien ta' impjiegi u t-trawwim ta' żvilupp ekonomiku sostenibbli; iv) it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-soċjetà; v) l-appoġġ fl-indirizzar tal-isfidi tas-sigurtà; vi) sforzi komuni għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni u l-mobilità.

2. Prijoritajiet strateġiċi tas-sħubija privileġġjata UE-Tuneżija għall-perijodu 2018-2020

Sħubija għaż-żgħażaġh

L-UE u t-Tuneżija jikkunsidraw il-prospetti taż-żgħażaġh għall-ġejjieni bħala għan ewlieni, kif jidher mis-sħubija UE-Tuneżija għaż-żgħażaġh immedija mill-President Tuneżin u r-Rappreżentant Għoli/Viċi President fl-1 ta' Diċembru 2016. Sabiex ikun hemm rispons aħjar għall-bżonnijiet taż-żgħażaġh Tuneżini, jenħtieġ li d-diversi azzjonijiet li għaddejjin u dawk futuri jsiru aktar konsistenti. Fuq il-bażi tad-djalogu mniedi għall-implimentazzjoni ta' din is-sħubija, l-UE u t-Tuneżija impenjaw ruħhom li jikkonsolidaw il-miżuri li jippromwovu l-impjiegi u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, il-mobilità u aktar parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja pubblika u fil-politika, b'mod partikolari f'inizjattivi lokali. L-impjegabilità se teżiġi r-riforma fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-ħolqien ta' rabtiet aktar mill-qrib bejn is-settur privat u s-sistemi edukattivi u ta' taħriġ, il-promozzjoni u l-appoġġ għal inizjattivi innovattivi mmedija miż-żgħażaġh, b'mod partikolari fl-oqsma tat-teknoloġiji l-ġodda u tal-kultura. L-appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġija nazzjonali Tuneżina għaż-żgħażaġh se jkun element prinċipali tas-sħubija, kif se jkun it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u tal-organizzazzjonijiet idedikati għaż-żgħażaġh.

Għall-ikkumplimentar ta' dan l-impenn liż-żgħażaġh, iż-żewġ naħat se jaħdmu fuq il-prijoritajiet strateġiċi li ġejjin:

2.1. Żvilupp soċjoekonomiku inklużiv u sostenibbli

Il-progress politiku jista' biss ikun sostnut jekk ikun akkumpanjat minn progress ekonomiku ta' portata simili. Fid-dawl tas-sitwazzjoni soċjoekonomika fraġli tat-Tuneżija, b'livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh (speċjalment fost dawk li għandhom l-ogħla livell ta' edukazzjoni) u inugwaljanzi reġjonali u soċjali sinifikanti, wieħed mill-għanijiet ewlenin se tkun il-kontribuzzjoni biex l-ekonomija Tuneżina tirpilja, issir aktar kompetittiva u diversifikata u tinbidel b'mod inklużiv u b'mod sostenibbli, fir-rispett dovut għall-impjenji internazzjonali dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima. L-UE se tkompli tagħti l-appoġġ tagħha u tinkoraġġixxi r-riformi strutturali.

B'mod aktar partikolari, il-miżuri fil-qasam tal-iżvilupp soċjoekonomiku se jkunu organizzati madwar l-impjenji li ġejjin:

- it-titjib tal-klima tan-negozju u l-appoġġ għall-iżvilupp tas-settur privat u l-investiment privat, b'mod partikolari permezz ta': i) is-simplifikazzjoni u t-tħaffif tal-proċeduri amministrattivi għan-negozji, ii) it-titjib fl-aċċess għall-finanzjament, u iii) iż-żieda fl-investiment pubbliku u privat – b'mod partikolari l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-2016 dwar l-investiment u l-liġi tal-2017 li jfasslu mill-ġdid il-benefiċċji tat-taxxa, b'kont meħud ta' akkordji dannużi fir-rigward tal-abolizzjoni ta' vantaġġi fiskali;
- se jkun hemm ukoll enfażi fuq il-promozzjoni b'mod attiv tal-intraprenditorija u l-iżvilupp tal-SMEs/VSEs;
- id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji settorjali nieqsa, pereżempju t-turiżmu;

- it-titjib tal-protezzjoni tal-ambjent u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali (inkluż l-ilma), b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-istrategġija nazzjonali għall-ekonomija ekoloġika tat-Tuneżija u l-implimentazzjoni ta' impenji internazzjonali tat-Tuneżija dwar it-tibdil fil-klima (kontribuzzjoni nazzjonali stabbiltà), l-ekonomija blu u riżorsi tas-sajd;
- it-titjib tal-kompetittività ta' setturi tradizzjonali u ta' tkabbir fl-industrija u l-agrikoltura, fost l-oħrajn, permezz tal-appoġġ tal-innovazzjoni u l-iżgurar tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, u d-diversifikazzjoni tas-swieq tal-esportazzjoni;
- l-iżvilupp tas-settur tal-enerġija, inklużi interkonnessjonijiet tal-elettriku UE-Tuneżija, u l-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija;
- l-iżvilupp ta' sistema tat-trasport sikura, sigura, sostenibbli u effiċjenti msejsa fuq standards armonizzati ta' trasport u netwerk multimodali integrat sabiex jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet nofsinhar-nofsinar u tramuntana-nofsinar;
- il-konsolidazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi permezz tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' liġi baġitarja organika ġdida, ir-riforma tas-sistema ta' awditjar tal-istat u t-titjib fil-governanza tal-intrapriżi pubbliċi. L-implimentazzjoni tar-riforma tas-sistema tat-taxxa (is-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa, il-ġustizzja fiskali, id-deċentralizzazzjoni, il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni, il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali rilevanti) tirrappreżenta pass kruċjali lejn aktar żvilupp inklużiv tal-pajjiż. L-appoġġ għar-riformi bankarji li għaddejjin bħalissa u l-inklużjoni finanzjarja u l-istrategġija nazzjonali 2017-2021 rigward l-aċċess, l-użu u l-kwalità tas-servizzi huma importanti wkoll;

- l-implimentazzjoni tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni, bil-għan li jiġu żviluppati s-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura soċjali (b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura, is-saħħa, l-ilma u l-miżuri sanitarji) biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali; u l-aċċelerazzjoni tal-proċess ta' żvilupp tar-reġjuni fl-intern tat-Tuneżija, impenn kondiviż miż-żewġ partijiet biex gradwalment inaqqsu l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi.

Biex jitrawwem progress soċjali, iż-żewġ partijiet jimpenjaw ruħhom li jkomplu jippromwovu:

- l-impjiegi, b'mod partikolari permezz ta' aktar riformi biex jiġi żgurat aċċess ġust għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; fil-qafas ta' politika attiva biex jittejbu l-opportunitajiet biex wieħed jidħol fis-suq tax-xogħol;
- politika Tuneżina integrata u effiċjenti dwar l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali effettiva, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-korpi pubbliċi rilevanti, l-appoġġ għar-riformi mibdija mit-Tuneżija fil-qasam tal-koeżjoni soċjali, u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali u l-applikazzjoni garantita ta' prinċipji ta' trattament ġust f'leġislazzjoni soċjali; u
- djalogu soċjali inklussiv sabiex tisaħħaħ il-kapaċità li jitnaqqsu l-iżbilanċi soċjoekonomiċi, jitnaqqsu t-tensjonijiet soċjali u tiġi promossa paċi soċjali reali – u b'hekk titjieb l-attraenza tal-pajjiż għall-investituri barranin.

Iż-żewġ naħat jibqgħu impenjati b'mod sħiħ għall-proċess ta' negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv (DCFTA - Deep and Comprehensive Free Trade Agreement) u qablu dwar pjan ta' azzjoni konkret għall-2018 biex ikun jista' jsir progress bil-ħsieb li jitħaffu n-negozjati bil-għan li jiġu konklużi mill-aktar fis possibbli. L-UE u t-Tuneżija se jkomplu jippromwovu l-modernizzazzjoni tal-ekonomija Tuneżina għall-benefiċċju ta' kulħadd, inklużi r-reġjuni u l-komunitajiet l-aktar żvantaġġati, u jagħtu spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ. Iż-żewġ naħat jimpenjaw ruħhom li jżidu l-integrazzjoni ekonomika Tuneżina fis-suq Ewropew kif ukoll fir-reġjun tal-Magreb.

Sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-innovazzjoni u tar-riċerka fl-iżvilupp ekonomiku, soċjali u reġjonali, l-UE u t-Tuneżija se jaħdmu fuq l-integrazzjoni tat-Tuneżija fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, b'mod partikolari billi jippromwovu edukazzjoni ogħla, it-tisħiħ tal-governanza, il-mekkaniżmi għall-promozzjoni tar-riċerka pubblika u t-trasferimenti tat-teknoloġija bejn il-qasam akkademiku u dak industrijali.

2.2. Demokrazija, governanza tajba u drittijiet tal-bniedem

L-UE u t-Tuneżija se jkomplu jagħtu importanza partikolari għall-proċess ta' riforma demokratika u l-promozzjoni ta' governanza tajba u l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u t-tisħiħ tar-rwol u l-parteciġipazzjoni tas-soċjetà ċivili. Iż-żewġ partijiet se jkomplu jippromovu l-proċess tar-riformi politiċi permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-Kostituzzjoni u l-impenji internazzjonali meħuda mit-Tuneżija.

L-aspetti prijoritarji fl-oqsma ta' governanza tajba u r-rispett tal-istat tad-dritt se jinkludu b'mod partikolari:

- it-tisħiħ tal-istituzzjoni tal-parlament u l-ħolqien u t-twaqqif effettiv ta' korpi indipendenti;
- it-twaqqif tal-Qorti Kostituzzjonali;
- il-konsolidazzjoni ta' proċess elettorali demokratiku, trasparenti u indipendenti;
- il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi, fost l-oħrajn permezz ta' appoġġ għall-awtorità nazzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, inkluża l-approssimazzjoni tal-istandards internazzjonali inklużi dawk tal-Kunsill tal-Ewropa;
- l-implimentazzjoni ta' strateġija għal riforma u modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, li tinkludi t-titjib ta' servizzi fil-livell ċentrali u lokali, l-introduzzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, is-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi u l-iżvilupp ta' amministrazzjoni diġitali;
- l-appoġġ għall-proċess ta' deċentralizzazzjoni, inkluż il-bini ta' kapaċità u ż-żieda tal-baġits tal-amministrazzjonijiet lokali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-elezzjonijiet muniċipali f'Mejju 2018; it-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ir-rwol tagħhom u l-kontribut tagħhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-intensifikazzjoni ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini, b'mod partikolari ż-żgħażaġħ, fil-ħajja politika u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

L-impenji ta' priorità relatati mar-rispett u mal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem se jinkludu:

- il-finalizzazzjoni tal-proċess ta' armonizzazzjoni leġislattiva f'konformità mal-Kostituzzjoni u l-istandards internazzjonali, il-kooperazzjoni tat-Tuneżija f'fora multilaterali u l-implimentazzjoni tal-impenji li saru skont mekkaniżmu ta' eżami perijodiku universali;
- l-appoġġ għall-isforzi biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, biex tiġi miġġielda t-tortura (inkluża l-implimentazzjoni ta' impenji meħuda fil-qafas tal-Kumitat tan-NU Kontra t-Tortura) u biex jiġu mħarsa persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u promossi d-drittijiet tan-nisa, tat-tfal u tal-migranti;
- l-appoġġ għal azzjoni pijuniera tat-Tuneżija biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa, biex tiġi ggarantita l-ugwaljanza bejn is-sessi u biex jiġi promoss ir-rwol tan-nisa fl-oqsma kollha, b'mod partikolari fl-isferi ekonomiċi u politiċi;
- il-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni;
- id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali; u
- ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tas-sigurtà.

2.3. It-tqarrib aktar flimkien tal-popli, il-mobbiltà u l-migrazzjoni

It-tqarrib aktar flimkien tas-soċjetajiet Tuneżini u Ewropej permezz ta' żieda tal-iskambji bejn il-popli, is-soċjetajiet u l-kulturi, huwa pilastru ewlieni tal-iżhubija privileġġjata. Din id-dimensjoni ta' mobiltà hija importanti immens fl-implimentazzjoni tas-sħubija għaż-żgħażaġh. L-implimentazzjoni effettiva tal-assoċjazzjoni tat-Tuneżija mal-Orizzont 2020 u l-parteċipazzjoni tagħha f'Europa Kreattiva" u Erasmus + se jkunu l-foqol ta' dawn l-isforzi.

Il-ġestjoni kkoordinata tal-migrazzjoni hija prijorità politika kemm għat-Tuneżija u kif ukoll għall-UE. Iż-żewġ naħat se jfittxu li jtejbu d-djalogu u l-kooperazzjoni, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tas-sħubija għall-mobiltà, il-konsolidazzjoni fil-ġlieda kontra l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, u r-rieda Ewropea biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ažił Tuneżina. Din il-kooperazzjoni, li se tirrifletti wkoll id-dimensjoni reġjonali ta' dawn il-kwistjonijiet, se tinkludi:

- l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali Tuneżina dwar il-migrazzjoni; b'mod li tkopri l-ažił u l-protezzjoni internazzjonali, u tinkludi l-implimentazzjoni ta' qafas leġislattiv xieraq;
- it-tlestija tan-negozjati dwar il-ftehimiet ta' riammissjoni u dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi;
- il-governanza tajba tal-migrazzjoni legali permezz ta' koordinazzjoni aħjar mal-Istati Membri tal-UE, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali tagħhom, inkluż l-implimentazzjoni ta' skemi pilota ta' mobiltà u integrazzjoni aħjar tal-migranti fil-pajjiżi ospitanti;

- l-appoġġ għall-mobilizzazzjoni tat-Tuneżini li jgħixu barra mill-pajjiż biex jinvestu f'setturi innovattivi fit-Tuneżija;
- l-appoġġ għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari billi jqisu aħjar kwistjonijiet ta' migrazzjoni fi strateġiji għall-iżvilupp; dan jinvolti wkoll ġestjoni tal-fruntieri mtejbja u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tal-migrazzjoni irregolari;
- l-appoġġ għal attivitajiet li jipprevjenu u jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, fost l-oħrajn permezz tal-kxif u l-prosekuzzjoni ta' networks kriminali; u
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-ritorni u r-riammissjonijiet, inkluż permezz ta' appoġġ għar-riintegrazzjoni sostenibbli ta' Tuneżini rimpatrijati.

2.4. Is-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu

L-UE u t-Tuneżija qed jiffaċċjaw sfidi komuni ta' sigurtà li jeħtieġu azzjonijiet konġunti miż-żewġ naħat, u dawn iridu jipproċedu skont il-valuri komuni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

It-Tuneżija għandha l-ħsieb li timplimenta l-istrateġija globali u multisettorjali tagħha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. L-oqsma ta' prijorità għal kooperazzjoni se jinkludu:

- l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari billi jiġu msaħħa u modernizzati l-leġislazzjoni u l-istituzzjonijiet tas-sigurtà u dawk ġudizzjarji skont il-valuri demokratiċi mħaddna fil-Kostituzzjoni;

- it-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għar-riforma u l-modernizzazzjoni tas-settur tas-sigurtà, inkluż l-obbligu ta' rendikont tal-forzi tas-sigurtà, u l-approfondiment ta' din il-kooperazzjoni fuq il-progress li diġà sar;
- il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, inkluż l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni maqbul mat-Task Force ta' azzjoni finanzjarja;
- l-iżvilupp ta' politika globali għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni;
- ir-ritorn tal-ġellieda barranin;
- l-iżvilupp ta' politika ta' assistenza u protezzjoni għall-vittmi tat-terroriżmu;
- il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u d-drogi;
- l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għas-sigurtà tal-fruntieri;
- it-tiħiħ tal-kooperazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni Ewropea; u
- il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-prevenzjoni.

L-Unjoni Ewropea se tkompli wkoll tipparteċipa bis-ħiħ fil-grupp tal-G7 + 6 li jiżgura l-koordinazzjoni bejn l-imsieħba ewlenin tat-Tuneżija.

Barra minn hekk, oqsma oħra ta' sħubija relatati mas-sigurtà u mad-difiża jistgħu jiġu żviluppati aktar.

3. It-triq 'il quddiem għat-tishih tas-shubija privileġġjata UE-Tuneżija

L-importanza mogħtija miż-żewġ naħat għar-relazzjoni tagħhom se tkompli tiġi riflessa fl-intensità ta' kuntatti politiċi u żjarat regolari, bħala parti minn djalogu politiku usa' dwar is-suġġetti kollha ta' interess reċiproku, inklużi kwistjonijiet reġjonali u globali. Jenħtiegħ li d-dimensjoni reġjonali ta' dawn it-taħditiet tiġi kkonsolidata. Iż-żewġ naħat huma konxji, f'dan ir-rigward, dwar l-importanza tal-kooperazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-Unjoni għall-Mediterran. Minbarra d-djalogi eżistenti, iż-żewġ naħat se jaħdmu flimkien bil-ħsieb tal-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' livell għoli UE-Tuneżija u l-parteciġazzjoni ta' ministri Tuneżini fil-laqgħat tematiċi informali mal-membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar ċerti suġġetti. Iż-żewġ naħat jinkoraġġixxu kooperazzjoni parlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea tar-Rappreżentanti tal-Poplu [Assemblée des Représentants du Peuple].

Il-korpi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u s-sottokumitati tekniċi) se jkomplu jkunu l-fora ppreferuta għall-implimentazzjoni effettiva tas-sħubija. L-UE u t-Tuneżija se jfittxu li jtejbju l-effikaċja u l-valur miżjud tal-ħidma tagħhom u, sa fejn ikun possibbli, li jiggruppaw din il-ħidma skont temi ta' prijorità ewlenin f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi.

Sabiex il-prijoritajiet elenkati hawn fuq ikunu aktar tanġibbli, għandu jiġi propost pjan direzzjonali mit-Tuneżija u approvat mill-UE. Dan id-dokument pubbliku se jistabbilixxi l-miżuri l-aktar urġenti (leġislattivi, strateġiċi u operazzjonali) meħtieġa għall-irkupru soċjoekonomiku tal-pajjiż. Dan il-pjan direzzjonali se jkun mekkaniżmu flessibbli u operazzjonali għall-monitoraġġ fuq bażi ta' darbtejn f'sena.

Skont il-komunikazzjoni konġunta, l-UE impenjat ruħha li ssaħħa b'mod sinifikanti l-appoġġ finanzjarju tagħha lit-Tuneżija permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat. L-UE u t-Tuneżija se jfittxu li jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament diġà eżistenti, inklużi strumenti ġodda bħalma huma l-Pjan ta' Investiment Estern għall-UE, b'mod li jagħmlu l-aktar li jistgħu mill-komplementarjetà u mill-effetti ta' ingranaġġ bejn is-sussidji tal-UE u s-self ipprovdut minn istituzzjonijiet finanzjarji. Iż-żewġ naħat se jfittxu li jtejbu s-sinerġija bejn djalogi politiċi u settorjali, u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni finanzjarja. Huma se jaħdmu wkoll għat-tisħiħ ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u djalogu mal-imsieħba finanzjarji u d-donaturi internazzjonali bis-saħħa tar-responsabbiltà Tuneżina kemm fir-rigward tal-iffissar ta' prioritajiet u kif ukoll tal-implimentazzjoni tagħhom.

Fl-aħħar nett, iż-żewġ naħat jimpenjaw ruħhom li jagħtu aktar viżibilità lir-relazzjoni strateġika UE-Tuneżija, u li jippromwovu l-benefiċċji tal-kooperazzjoni tagħhom fost iċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran.